IL-HAJJA f'Għawdex

SUPPLIMENT SPEĊJALI
SAJF 2011



# Kemmuna



# Oħtna ż-Żgħira Eko-Kemmuna!

*kitba ta'* JOSEPH W. PSAILA – *ritratti ta'* JOSEPH W. PSAILA u JOSEPH J.P. ZAMMIT

B'xorti tajba l-"progress" ma laħaqhiex lil Kemmuna. Kieku laħaqha, l-iżvilupp kien jagħmilha bħal Buġibba u Marsalforn. Imbagħad ma naħsibx li t-turisti, jaqsmu l-fliegu fuq il-vapuri tal-*Gozo Channel*, kien jogħġobhom jiġbdulha r-ritratti bħalma jagħmlu llum, imsaħħrin mix-xagħri, mill-għerien u mit-torri solitarju jgħasses il-fliegu. Lanqas kienet Kemmuna tkun skedata bħala sit *Natura 2000* u għaldaqstant meqjusa ta' valur ambjentali kbir.

Illum titkexkex xħin iġġib quddiem għajnejk kif kienet tkun Kemmuna kieku snin ilu, meta kien għad m'għandniex kuxjenza għall-ħarsien tal-ambjent, laħqu ħatfuha xi żewġ spekulaturi. Mhux għax xi tentattiv ma kienx hemm. Fis-snin sittin, kien hemm proposta għal *restaurant* fuq Kemmunett u l-bini ta' pont biex jgħaqqad lil Kemmunett ma' Kemmuna. X'aktarx, kif rajna jiġri minn żoni idilliċi oħra, dan l-iżvilupp kien ikun il-bidu għal xi ruxxmata appartamenti lkoll forma ta' kaxxi bit-toqob bħal barumbara. B'xorti tajba dan l-iżvilupp intesa fil-bir tal-indifferenza... u llum, meta ħlomna l-Eko-Għawdex... għandna bla tant nagħtu kas "Eko-Kemmuna".







F'nofs siegħa baħar, Kemmuna tintlaħaq kemm mill-Imġarr, Għawdex u kemm mill-Marfa. Id-dgħajjes jaqsmu, ukoll jekk ikun hemm ċafċifa, u jagħtu servizz tajjeb lil dawk it-turisti li jkunu jixtiequ jaħarbu mill-ħsejjes u mill-inġenji. Fit-triqat ta' Malta u Għawdex l-inġenji fuq erba roti saru tabilħaqq iġennu n-nies. Iżda f'Kemmuna għajnejn il-viżitatur ma jarawx minnhom, widnejh ma jisimgħuhomx u l-pulmuni tiegħu jimtlew b'nifsijiet ta' arja bnina minflok bit-tniġġis tal-ekżost.

Fuq il-karta, fis-sena 2010, kien hemm 78 bastiment kummerċjali li għandhom ċertifikat li setgħu jbaħħru bil-passiġġieri lejn Kemmuna. Dawn huma l-biċċiet tal-baħar kollha awtorizzati biex ibaħħru aktar minn tliet mili bogħod mill-kosta. Iżda fil-fatt, huma ftit l-operaturi,



minn Għawdex u minn Malta, li jagħtu servizz regolari lejn Kemmuna.

*Hotel Comino* tipprovdi, bi prezz tajjeb pakkett ta' vjaġġ 'l hemm u lura u ikla *buffet*. Id-dgħajsa tal-lukanda tintrakka mal-moll quddiem il-bieb ċentrali tal-lukanda fejn jinżlu l-art il-passiġġieri, ħafna drabi xi turisti, u kultant ukoll xi ħaddiema li minn żmien għall-ieħor imorru jagħmlu xi tiswijiet ta' manutenzjoni. Fix-xhur tal-ħarifa u tax-xitwa, jekk ikun hemm għajta ġo Kemmuna tkun tas-skiet. Hawnhekk ma jinstamax, bħal f'Għawdex, iż-żarżir tal-*cowboys* fuq il-muturi, it-tgħażżiż ta' xi trakk mgħobbi bil-ġebel sa ruħ ommu u lanqas iċ-ċaqċiq u t-tbaqbiq tal-*jack hammers*. Kultant u tant jittajjar fil-għoli l-ħelikopter tal-Forzi Armati li kważi kważi tistħajlu qed jidneb jgħaddi minn hemm u jikser is-skiet. Madankollu sewwa jagħmel, għalkemm Kemmuna ilha li tilfet il-fama ħażina li kellha dari bħala rdoss tas-sibbien.






Il-lukanda ta' Kemmuna tilqa' lil min iżur il-gżejra. Fost l-istaff hemm ħaddiema Għawdxin. X'uħud ilhom hemm u jiftakru żminijiet ta' kummerċ varju. Jgħidulek li l-istaġun jgħodd ħafna – ikun hemm seba' xhur minn Ottubru sa April meta Kemmuna titħeddel u togħnos fil-kwiet, u mbagħad ma' Mejju l-gżejra tieħu l-ħajja biex matul ix-xhur tas-sajf il-bajjiet u bejn il-Kmiemen, a la Ingliża il-*Blue Lagoon* – isiru ffollati.

Il-firxa baħar ta' bejn il-Kmiemen hi fost l-isbaħ li għandna f'pajjiżna – jixraqilha tabilħaqq kollu kemm hu l-aġġettiv "blu". Imorru jgawdu s-sbuħija u s-seħer ta' din ir-roqgħa fil-jiem sajfin. Jaslu hemm bid-dgħajjes privati u bil-jottijiet. Il-popolarità tal-post tiġbed lejh ukoll dawk li jbiegħu mill-vannijiet u dawk li jikru l-umbrelel u d-*deckchairs*. B'kuntrast ma' kif xi ħadd jista' jaħseb, dawn il-bejjiegħa ma jkunu jagħmlu xejn kontra l-liġi għax meta d-Diviżjoni tal-Kummerċ toħroġ liċenzja ta' bejjiegħ ta' triq, imkien ma torbot din l-attività ma' post partikolari (*PQ 16500*). Fuq Kemmuna hemm ukoll *camp site* ħdejn il-Bajja ta' Santa Marija.

*Policy GZ – TRAN – 13* tikkontempla *Destination Ports* li tikkonsisti f'faċilitajiet aħjar għal dgħajjes u jottijiet biex issaħħaħ il-prodott turistiku. Fost is-siti identifikati hemm żewġ bajjiet f'Kemmuna, dik ta' San Niklaw u l-*Blue Lagoon* (*PQ13527*). Fost dawn id-*Destination Ports* hemm ukoll







Ħondoq ir-Rummien, preċiżament faċċata tal-*Blue Lagoon*. Kieku din il-*policy* kellha tkun imwettqa, jista' jkun li nsibu ruħna b'żewġ *yacht marinas* qrib xulxin li flimkien jifformaw marina waħda mdaqqsa ġmielha. Titqanqal għaldaqstant il-mistoqsija: żvilupp bħal dan kemm jhedded it-trankwillità ta' Kemmuna?

Sadattant, stqarrija ta' Ottubru 2010 (*PQ 19554*) tgħid li "il-MEPA qed taħdem mal-Awtorità ta' Malta dwar it-Turiżmu u Trasport Malta biex tfassal qafas li jista' jintuża biex fuqu jinbena pjan ta' mmaniġġar għal dan is-sit protett." *Stakeholders* kellhom jiltaqgħu biex jilħqu qbil ta' kif ċerti partijiet tal-gżira jistgħu jiġu mmaniġġati.



Din il-"*management committee*" ma għandhiex żmien x'titlef sabiex ikunu mħarsa l-flora u l-fauna tal-gżira, il-pjanti endemiċi, l-għasafar li jbejtu fl-irdumijiet li suppost ilkoll huma protetti skont regolamenti Ewropej. Illum l-imqajjel tal-ħnieżer ġew żarmati – l-annimali ttieħdu band oħra, iżda l-kostruzzjoni għadha hemm biex tkerrah firxa mix-xagħri. Id-duni fil-bajja ta' Santa Marija ftit ftit qed jintilfu. Jidher li t-tindifa tal-iskart goff u tal-biċċiet ta' magni u nġenji msaddin li saret is-sena l-oħra madwar Malta u Għawdex b'inizjattiva ferma u qawwija, iżda mhux daqstant perseveranti, tal-Gvern Ċentrali, ma wasletx sa Kemmuna.

Il-knisja żgħira tal-gżira tidher fi stat tajjeb – x'aktarx mhux daqs it-Torri jindokra l-fliegu, li sarlu r-restawr mistħoqq bil-kura li taf tagħti *Din l-Art Ħelwa*.

Ta' min jistaqsi jekk il-*management committee* kkonsultatx jew għadx tikkonsulta mal-erba' persuni li Kemmuna hi ħajjithom: Salvu Vella li trabba u għadu jgħix hemm, u li min jafu jgħidlek li hu persuna tassew kreattiva, kuġintu Evanġelista Buttiġieġ, il-pulizija li jaqsam minn Għawdex biex jiftaħ l-għassa u jirrappreżenta l-Istat fil-gżejra, u s-saċerdot, Dun Karm Xerri, li ilu, għal deċenni jaqsam mill-Ħondoq għal Kemmuna. Dawn ukoll huma *stakeholders*!

Fil-Pjan Eko-Għawdex, oħtna ż-żgħira qiegħda tingħata l-parti tagħha? Kif nistgħu nirrendu lil Kemmuna attrazzjoni oriġinali billi s-sbuħija tal-ħolqien li hemm ġo fiha u madwarha nirrenduha isbaħ? Nistgħu nagħmlu minn Kemmuna niċċa oħra ta' turiżmu, li mhux turiżmu tal-massa u tal-ħabba gozz?

